# KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2024

| Werrej | Paġna |
|---|---|
| Introduzzjoni mis-Sindku | 2 |
| Il-Kunsill Lokali | 3 |
| Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali | 7 |
| Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali | 11 |
| L-iskeda tal-varjazzjoni fid-dħul u fin-nefqa | 13 |
| Rapport ta' Ħidma mill-Kunsilliera | 15 |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk

## 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Għeżież residenti ta' Marsaxlokk,

B'sodisfazzjon u b'sens ta' responsabbiltà, qed nippreżentalkom ir-Rapport Amministrattiv Annwali tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk għas-sena li għaddiet. Dan ir-rapport huwa riflessjoni tal-ħidma sfiqa u l-impenn tal-Kunsill biex inkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja fil-lokalità tagħna u nassiguraw żvilupp sostenibbli għal Marsaxlokk.

Din is-sena kienet waħda ta' sfidi u opportunitajiet fejn kien hemm ukoll l-elezzjoni generali tal-kunsilli lokali. Fejn jien grazzi ghalikom ergajt gejt ikkonfermat sindku. Minkejja d-diffikultajiet li niffaċċjaw minn żmien għal żmien, irnexxielna nkomplu nibnu fuq is-suċċessi tal-passat u nimplimentaw diversi proġetti ta' benefiċċju għall-komunità.
Aħna ffukajna l-ħidma tagħna fuq erba' pilastri ewlenin:

1. **Titjib tal-Infrastruttura u l-Ambjent:** Investejna f'proġetti biex intejbu ż-żoni pubbliċi, speċjalment dawk marbuta mal-port u mal-inħawi residenzjali.
2. **Servizzi Komunitarji:** It-tisħiħ tas-servizzi li jindirizzaw il-bżonnijiet tal-familji, l-anzjani, u ż-żgħażagħ tal-komunità tagħna.
3. **Żvilupp Sostenibbli:** Inizjattivi li jiffukaw fuq l-ambjent u t-tisħiħ tal-ħarsien tal-wirt naturali tagħna.
4. **Kultura u Avvenimenti:** Organizzazzjoni ta' attivitajiet li jagħtu ħajja lill-komunità u jsaħħu s-sens ta' appartenenza fost ir-residenti.

**Rikonoxximent u Grazzi**
Nixtieq nesprimi l-apprezzament tiegħi lejn il-membri kollha tal-Kunsill, l-impjegati, u kull min għen biex dawn il-proġetti jsiru realtà. Grazzi ukoll lir-residenti li b'kollaborazzjoni u sapport tagħhom, il-Kunsill jista' jkompli jwettaq il-missjoni tiegħu.

Nirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu tul din is-sena, u nħeġġeġ lill-komunità kollha tkompli tissieħeb magħna fit-triq 'il quddiem.

Flimkien, nistgħu nkomplu nibnu Marsaxlokk aħjar għalina u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

**Steven Grech**
*Sindku*

## 2.0 Il-Kunsill Lokali

### 2.1 Il-Kunsill

Marsaxlokk huwa raħal zgħir b'popolazzjoni ta' madwar 4,145 persuna. Għalhekk skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk huwa kompost minn ħames Kunsilliera, bis-Sindku u l-Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu. Fl-ewwel parti ta' matul l-2024, il-Kunsill kien iffurmat b' Sindku u 3 Kunsilliera differenti u post wieħed (1) vakanti. F' Gunju 2024 saret l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali f'Marsaxlokk, sabiex issa l-Kunsill hu ffurmat għal matul dawn il-ħames snin li ġejjin b' ħames (5) membri. Il-Kunsill issa gie ffurmat b' Sindku u 4 Kunsilliera differenti. Il-Kunsill Lokali ddeterminat li kemm jista' jkun jimplimenta numru ta' inizjattivi u proġetti fil-lokalità għall-ġid tar-raħal u tal-komunità Xlukkajra.

Matul l-2024, il-parti Amministrattiva tal-Kunsill Lokali, rat l-ewwel 9 xhur immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, u fl-aħħar parti dan l-irwol waqa' fuq Agent/Deputat Segretarju Eżekuttiv. Id-Deputat/Agent Segretarju Eżekuttiv kien megħjun mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi. Fost dawn insibu l-Foreman, Gardinar u l-Ħaddiema Assenjati, kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsilliera rispettivi u li l-Kunsill Lokali jkun approva. Dawn xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti mal-Kunsillier responsabbli u li mbagħad jiġu diksussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.



## 2.2 A Responsabilitajiet tal-Kunsilliera (L-Ewwel Parti 1 ta' Jannar – 30 ta' Ġunju 2024)

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jingħata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jaħdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ikun iffaċilitat. Għal dan il-għan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku infushom kif deċiż mis-Sindku kienu dawn:

**Steven Grech – Sindku**
*Responsabbli minn*: L-Ambjent , Innovazzjoni, Infrastruttura, Proġetti,
Ġustizzja, Riformi

**Elenia Desira – Viċi-Sindku**
*Responsabbli minn*: Indafa Pubblika, Integrazzjoni Soċjali, Fondi Ewropej, Kura u Saħħa Pubblika

**Daniel Zerafa – Kunsiller**
*Responsabbli minn:* Kultura u Turiżmu, Wirt Storiku, Komunitajiet – Federazzjoni Għaqdiet Xlukkajri, Żgħażagħ u Tfal, Awtorità tal-Ippjanar

**Stephen Caruana – Kunsillier**
*Responsabbli minn:* Sajjieda, Qasam Soċjali, Persuni bi bżonijjiet speċjali, Dawl tat-toroq,

## 2.2 B Attendenza ghas-seduti tal-Kunsill Lokali

Bejn l-1 ta' Jannar u l-30 ta' Ġunju 2024, fit-tmien leġislatura inżammu tnax (12) -il seduti u l-attendenza kienet is-segwenti:

| | *Kunsillier* | *Laqgħat* | *Preżenti* | *Assenti* | *Assenti b'ġustifikazzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Steven Grech* | **12** | **12** | **0** | **0** |
| *2* | *Elenia Desira* | **12** | **10** | **0** | **2** |
| *3* | *Daniel Zerafa* | **12** | **10** | **0** | **2** |
| *4* | *Stephen Caruna* | **12** | **12** | **0** | **0** |
| *5* | *Post Vakanti* | **n/a** | **n/a** | **n/a** | **n/a** |

## 2.3 A Responsabilitajiet tal-Kunsilliera (It-Tieni Parti 1 ta' Lulju – 31 ta' Diċembru 2024)

L-istess bħal perjodu ta' qabel, hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jingħata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jaħdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ikun iffaċilitat. Għal dan il-għan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deċiż mis-Sindku kienu dawn:

**Steven Grech – Sindku**
*Responsabbli minn*: Infrastruttura – Progetti, Gustizzja u Riformi, Anzjani -Persuni bi bzonnijiet Specjali, Sport/Attivitajiet Fizici, Qasam Socjali, Eudkazzjoni, Turimzu

**Miriam Camilleri – Viċi-Sindku**
*Responsabbli minn*: Indafa Pubblika, Harsien tal-Annimali, Kura u Saħħa Pubblika, Innovazzjoni

**Nazzareno Bugeja – Kunsillier**
*Responsabbli minn*: Kultura u Wirt Sotriku, Sajjieda, Integrazzjoni Socjali

**Matthew Bugeja – Kunsiller**
*Responsabbli minn:* Fondi Ewropej, Zghazagh u tfal, Komunitajiet

**Daniel Zerafa – Kunsillier**
*Responsabbli minn:* Ambjent, Awotorita' tal-Ippjanar, Dawl tat-Toroq

## 2.3 B Attendenza għas-seduti tal-Kunsill Lokali

Bejn l-1 ta' Lulju, u l-31 ta' Diċembru 2024, fid-Disa' (9) leġislatura inżammu disa' laqgħat (09) u l-attendenza kienet is-segwenti:

| | *Kunsillier* | *Laqgħat* | *Preżenti* | *Assenti* | *Assenti b'ġustifikazzjoni* |
|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Steven Grech* | **09** | **09** | **0** | **0** |
| *2* | *Miriam Camilleri* | **09** | **09** | **0** | **0** |
| *3* | *Nazzareno Bugeja* | **09** | **08** | **0** | **1** |
| *4* | *Matthew Bugeja* | **09** | **09** | **0** | **0** |
| *5* | *Daniel Zerafa* | **09** | **09** | **0** | **0** |

## 2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-Amministrazzjoni kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-impjegati tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Marsaxlokk, ħafna drabi jkun impenjattiv, xogħol li jkun mibni, ippreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill. Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill ta' Marsaxlokk qed jikseb.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sa. Karen Scicluna<br>Segretarju Eżekuttiv/Agent<br>(tmiem tal-kariga 18/12/24)** | Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, l-Amministrazzjoni, finanzi, riżorsi umani |
| **Is-Sa Tiffany Abela<br>Deputat Segretarju Ezekuttiv<br>(bidu tal-kariga 18/12/24)** | |
| **Is-Sa. Caroline Desira<br>Assistent Prinċipal** | Responsabbli mill-accounts/audit tal-Kunsill, l-aġġornar tal-website, tenders u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |
| **Is-Sa.Jessica Joan Martin<br>Skrivana** | Responsabbli mill-accounts/skemi, procurement, cash office, attivitajiet kulturali, social media u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |
| **Is-Sa. Nadine Camilleri<br>Supervisor** | Responsabbli Spezzjonijiet fuq barra, verifikazzjoni tal-permessi mahrugin, korsijiet u xoghol iehor |
| **Is-Sa. Francesca Jaccarini<br>Council Assistant** | Responsabbli mill-cash office, pubblikazzjonijiet, lmenti u relazzjonijiet mal-klijenti |
| **Is-Sa. Charon Marie Leckey<br>Skrivana Assenjata<br>(tmiem tal-kariga 15/11/24)** | Responsabbli mill-korrispondenza, haddiema assenjati, tassisti lis-Segretarju Ezekuttiv u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |
| **Is-Sur Victor Fenech<br>Gardinar** | Responsabbli mill-gonna u soft area tar-rahal kollu |

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Neil Bongailas**<br>**Skrivan** | Responsabbli minn xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |
| **Is-Sa Romina Hili**<br>**Skrivana Assenjata**<br>**(bidu tal-kariga 9/9/24)** | Responsabbli mill-posta u xoghol ta' rutina fl-uffiċċju |

*Ma` dawn il-Kunsill ghandu numru ta` haddiema assenjati mieghu mill-RSSL u District Operations.*

*Il-Konsulenti professjonali li jintuzaw mill-Kunsill huma:*

Servizz Legali - Dr Richard Sladden (tmiem 26/08/2024)
Servizz ta' Perit - Perit Robert Grech
Servizzi ta' Accountancy - Sur Karl Cutajar

## 3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali

### 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

**3. Funds received from Central Government**

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| In terms of section 55 of the Local Council Act | 439,695 | 423,469 |
| Other Government Income | 50,399 | 53,283 |
| | 490,058 | 476,752 |

**4. Local Enforcement Income**

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| Income for LES administration fees | 2,985 | 3,336 |
| | 2,985 | 3,336 |

**Local Council Marsaxlokk**

**Notes to the Financial Statements for the year ended 31 December 2024**

## 5. Finance Income

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| Bank interest | - | 24 |
| | - | 24 |

## 6. General Income

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| Income from courses | 80 | 1,680 |
| Donations | - | - |
| Contributions | 11,186 | 2,260 |
| Income from Permits | 25,096 | 21,069 |
| | 36,362 | 25,009 |

## 7. Loss for the year

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| Loss for the year is stated after charging: | | |
| Staff salaries | 168,633 | 161,407 |
| Deprecation of non-current assets | 30,871 | 48,014 |

**Local Council Marsaxlokk**

**Notes to the Financial Statements for the year ended 31 December 2024**

**8. Personal Emoluments**

| | 2024 | 2023 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Mayor's Honoraria | 13,730 | 13,479 |
| Mayor's & Councillors' Allowance | 9,400 | 10,282 |
| Executive Secretary Salary and Allowances | 31,604 | 6,926 |
| Employees' Salaries | 97,392 | 120,616 |
| Social Security Contributions | 11,154 | 10,104 |
| | 168,634 | 161,407 |

## 9. Operations and Maintenance

| | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|
| *Repairs and Upkeep:* | | |
| Public Property | 4,520 | 9,665 |
| Road/Street Pavements | 321 | 3,930 |
| Signs and road markings | 979 | 2,292 |
| Road & Street Patching | 6049 | 2,198 |
| Office Furniture and Equipment | 144 | - |
| Plant & Equipment | 35 | 155 |
| Sundry Repairs | 231 | 868 |
| Other repairs and upkeep | - | 755 |
| Council property | 7,775 | 5,020 |
| | 20,054 | 24,883 |
| *Contractual Services:* | | |
| Refuse Collection | 37,351 | 11,115 |
| Bulky Refuse Collection | 9,765 | 10,417 |
| Tipping fees | 108,251 | 50,419 |
| Hire of Open Skips | 425 | 3,598 |
| Road & Street Cleaning | 56,940 | 76,465 |
| Cleaning & Maintenance of Non-Urban Roads | - | 1,430 |
| Cleaning – Public Conveniences | 1,378 | 12,576 |
| Cleaning – Council Premises | - | 70 |
| Waste Disposal | - | 16,117 |
| Cleaning & Maintenance Parks & Garden | - | 5,182 |
| Clean. & Maint. Soft Areas | 659 | 3,712 |
| Street Lighting | 18,224 | 20,764 |
| Office equipment rent | - | 201 |
| Local Enforcement Expenses | 20,288 | 505 |
| Other Contractual Services | 789 | 1,760 |
| | 254,069 | 214,331 |
| | 274,123 | 239,214 |

## 10. Administrative and other expenditures

| | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|
| Utilities | 10,628 | 12,430 |
| Uniforms | 1,283 | 29 |
| Sundry materials & supplies | 6,994 | 7,639 |
| Rent | 11,187 | 8,000 |
| Participation fee – Nat. Mtg. | 1,400 | 2,522 |
| Printing | - | 2,604 |
| Stationery | 10,397 | 7,162 |
| Subscriptions | - | - |
| Couriers | 1,899 | 1,251 |
| Postages | 12 | 146 |
| Transport | 8,874 | 7,918 |
| Information Services | - | 8,204 |
| Insurance Coverage | 5,252 | 7,967 |
| Bank Charges | 927 | 926 |
| Penalties | 1,623 | - |
| IT Development Services | 4,386 | 7,990 |
| Legal services | 4,948 | 19,204 |
| Accounting services | 5,888 | 6,207 |
| Professional services | 4,555 | 9,692 |
| Other support services | 4,952 | 19,366 |
| Entertainment | 100 | 480 |
| Other Hospitality Costs | 245 | 225 |
| Social Events | 55,026 | 39,257 |
| Amortisation and Deprecation | 30,871 | 48,014 |
| | 171,102 | 217,233 |

## 4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

### 4.1 Rapport ta' hidma

Dan ir-rapport ta' ħidma jirrifletti l-isforzi kontinwi u l-impenn tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk matul is-sena 2024, sena fejn fiha kellna ukoll tibdil fil-legislatura. Tul din is-sena, il-Kunsill wettaq diversi proġetti u inizjattivi bil-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-komunità tagħna u jkompli jsaħħaħ l-infrastruttura u s-servizzi offruti lir-residenti.

**Ħarsa Ġenerali**
L-2024 kienet sena ta' sfidi iżda wkoll ta' kisbiet importanti. Il-Kunsill ħadem b'mod kollaborattiv mal-komunità, l-entitajiet governattivi, u diversi partijiet interessati sabiex jimplimenta l-proġetti meħtieġa u jindirizza l-isfidi preżenti.

**Proġetti u Inizjattivi Ewlenin**

**1. Infrastruttura u Manutenzjoni**
- Tiswijiet u titjib ta' toroq ewlenin u sekondarji madwar Marsaxlokk.
- Permezz tal-haddiema assenjati sar ukoll xogħol kontinwu ta' road markings f'diversi zoni tal-lokalita'. Saret ukoll manutenzjoni fuq diversi bankini
- Manutenzjoni ta' żoni pubbliċi, inkluż ġonna, bankijiet u spazji miftuħa.
- Installazzjoni ta' dwal solari u sistemi ta' dawl effiċjenti biex titjieb is-sigurtà u jitnaqqas il-konsum tal-enerġija.

**2. Inizjattivi Ambjentali**
- Kampanji ta' tindif regolari u żvilupp ta' proġetti ekoloġiċi.
- Ħolqien ta' ġnien ġdid u jogging track sabiex jgħinu fil-promozzjoni ta' stil ta' ħajja attiv u sostenibbli.
- Inizjattivi ta' riċiklaġġ u tqegħid ta' bins ġodda għar-rimi separat tal-iskart.

**3. Kultura u Avvenimenti Komunitarji**
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali matul is-sena, fosthom il-Festa Annwali ta' Marsaxlokk.
- Fiera tal-artiġjanat u wirjiet kulturali biex jiġu promossi t-talent u l-identità lokali.
- Inizjattivi ta' volontarjat u kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali.

**4. Servizzi Komunitarji**
- Servizzi ta' għajnuna soċjali u appoġġ għall-anzjani u familji vulnerabbli.
- Konsultazzjonijiet pubbliċi fuq proġetti ġodda sabiex tinżamm il-parteċipazzjoni attiva tal-komunità.
- Programmi edukattivi dwar l-ambjent u s-sostenibilità għaż-żgħażagħ.

### Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jibqa' impenjat li jkompli jaħdem favur il-benesseri tar-residenti u l-iżvilupp tal-lokalità. Bis-saħħa tal-appoġġ tal-komunità u d-dedikazzjoni tal-membri tal-Kunsill, qed inkomplu nħarsu lejn il-futur b'ottimiżmu u determinazzjoni.

Grazzi lill-komunità kollha għall-kollaborazzjoni u l-appoġġ kontinwu.

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Ezekuttiv*

## 5.0 L-iskeda tal-Varjazzjoni fid-dħul u fin-nefqa

## 5.1 L-iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dhul u fl-Infiq

| | Notes | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| Funds received from Central Government | 3 | 490,058 | 476,752 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | 2,985 | 3,336 |
| General Income | 6 | 36,362 | 25,009 |
| | | 529,405 | 505,097 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 8 | (168,634) | (161,407) |
| Operations and maintenance | 9 | (274,123) | (239,214) |
| Administration and other expenditure | 10 | (171,102) | (217,233) |
| | | (613,859) | (617,854) |
| **Operating loss for the year** | | (84,454) | (112,757) |
| Finance income | 5 | - | 24 |
| **Loss for the year** | 7 | (84,454) | (112,733) |

## Statement of Affairs

| ASSETS | Notes | 2024<br>€ | 2023<br>€ |
|---|---|---|---|
| **Non-current assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 11 | 190,702 | 130,496 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 12 | 9,670 | 47,982 |
| Cash and cash equivalents | 13 | 169,349 | 211,573 |
| **Total current assets** | | 179,019 | 259,555 |
| **Total Assets** | | 369,721 | 390,051 |
| **Reserves** | | | |
| Retained earnings | | 111,267 | 195,721 |
| | | 111,267 | 195,721 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 14 | 258,454 | 194,330 |
| | | 258,454 | 194,330 |
| **Total equity and liabilities** | | 369,721 | 390,051 |

## RAPPORT TA`HIDMA MILL-KUNSILLIERA

### Rapport ta' ħidma mill-Vici Sindku – Miriam Camilleri

Nibda billi nirringrazzjakom, dan għaliex f'Ġunju li għadda fdajtuni bil- fiduċja tagħkom sabiex inkun ta' servizz għalikom u għar-Raħal tagħna li tant qiegħed għal qalbi.
Id-dekasteri li għoġbu jafdani bihom is-sindku huma.

- Indafa Pubblika
- Kura u Saħħa Pubblika
- Harsien tal-annimali
- Innovazzjoni.

Jiena mill-ewwel għamilt kuntatt magħkom u tlabtkom
naħdmu flimkien , flimkien naslu ,dejjem din kienet il-'motto' tiegħi u veru ta għax fuq livell ta' ndafa flimkien qed nagħmlu xogħol tajjeb ħafna.
Qed inżommu Marsaxlokk nadif kemm jista' jkun. Qed ikolli ħafna telefonati u messaġġi jindikawli fejn hemm ħtiega li jitnaddaf u aktar ma ċċempluli aktar tikkonfermawli li għandkom fiduċja fija.

Fejn tidhol Saħħa, organizzajt is-servizz tat-titqiba kontra l-Influwenza , covid u l-Pnemococcal ġol-Kunsill bi ħlas mill-gvern lokali. Assistejtkom fil-bżonijiet tagħkom u zammejtkom infurmati fuq servizzi li toffri l-Berġa.

Flimkien kellna attività sabiħa u ġbarna somma sabiħa b'risq il- Community Chest Fund u wara għal Puttinu.Dawn l-attivitajiet sbieħ ,għax filwaqt li niltaqgħu u kulħadd jgħid tiegħu intom tkunu qrib tagħna u tistghu tgħaddu l-ilmenti tagħkom aktar .

Dwar l-annimali attendejt laqgħat, kelli laqgħa interessanti ma' Ms. Claire Farrugia li tieħu ħsieb is-Santwarju tal-Annimali ġewwa Delimara .
Flimkien mas-segretarju Parlamentari Dr. Alicia Buġeja Said qassamna l-vawċers għall-cat feeders. Qiedgħa nirsisti wkoll sabiex id-Dog Park li kien imwiegħed fil-manifest isir.

Jiena kollox ġdid ghalija fil-Kunsill, għalhekk dejjem nistaqsi u nattendi laqgħat sabiex b' hekk inkun aktar infurmata.

It-triq hija twila u dan għadu l-bidu, iżda flimkien ma' sħabi l-kunsilliera, is-Sindku u intom ser naħdmu lkoll flimkien għal dan ir-rahal tagħna li tant inħobbu .

Nitlobkom fejn ikollkom bżonn toqogħdux tiddejqu ċċemplu. Aħna għalhekk qegħdin hawn .

Grazzi

## Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier – Nazzareno Bugeja

### Rapport tal-attivitajiet bħala Kunsillier fi ħdan il-Kunsill ta' Marsaxlokk

Bħala membru attiv fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, nieħu sehem f'diversi diskussjonijiet relatati mas-settur tas-sajd u l-użu tal-infrastruttura marittima lokali.
F'laqgħa tal-Kunsill Lokali, ressaqt proposta biex jitellgħu żewġ dgħajjes quddiem il-Kooperattiva tas-Sajd fi Triq il-Wilġa, proposta li ma ntlaqgħetx minħabba diskussjonijiet fil-Kunsill preċedenti. Huwa staqsa wkoll jekk hux possibbli li jitpoġġew cameras ta' sorveljanza f'Xatt is-Sajjieda faċċata tal-knisja u qrib il-vann tal-ġelat. Din il-possibiltà qed tiġi eżaminata.
Tajt sehmi f'laqgħa mal-Għaqda Sajjieda Attivi fid-9 ta' Settembru 2024. Matul din il-laqgħa ġiet diskussa proposta li jitpoġġew kameras fil-Magħluq ħdejn il-pontun. Il-Kunsill kien għadda l-wajers għall-kameras imma l-proċess hu mistenni li jitkompla minn Transport Malta. Qed isiru kards għall-vetturi tas-sajjieda biex jkunu jistgħu jipparkjaw ma' Xatt is-Sajjieda kull fejn hemm slipway. Minbarra hekk, mal-pontun tal-Magħluq ikun hemm żewġ kaxxi parking ma' kull pontun.
Kien hemm ukoll diskussjoni fuq il-ġbid tad-dgħajjes mill-bidu ta' Jannar sal-aħħar t'April. Meta jittellgħu fuq l-art, id-dgħajjes għandhom jitpoġġew fuq parati u posti tal-ħadid biex wara li l-bastiment jitniżżel fil-baħar, jiġi żbarazzat kollox. Ġie diskuss ukoll kif il-ġbid irid isir bi ħlas tal-permess flimkien ma' depożitu minħabba l-ħmieġ. Il-Kunsill se jipprepara pjanta tal-Magħluq sabiex inkunu nistgħu nimmarkaw fejn u kemm ser joqogħdu bastimenti fiż-żona.
Ipparteċipajt ukoll f'laqgħa tal-Kunsill mal-Għaqda Kooperattiva Nazzjonali tas-Sajd fl-10 t'Ottubru fejn tkellimna fuq is-soluzzjoni tal-ġbid tal-bastimenti fuq in-naħa tal-Magħluq, iż-żamma tal-ordni madwar l-uffiċini tal-Għaqda Kooperattiva u l-immaniġġjar tal-bastimenti li ilhom mitluqin. Saret referenza għal-laqgħa mal-Għaqda Sajjieda Attivi li ħarġu bl-idea li jsiru proposti u parati tal-ħadid temporanji flok karrijiet. Ġie suġġerit li l-posti jkunu tal-ġebel li wara jitneħħew u jsir it-tindif kif ukoll li jkun irid jitħallas permess għall-ġbid tad-dgħajjes.
Saret referenza għall- bylaw li tikkonsisti fil-ħlas tal-permess kif ukoll ħlas ta' depożitu li wieħed iħallas minħabba l-ħmieġ li jista' jitħalla wara xi manutenzjoni. Hemm ukoll il-Master Plan li ser ikun hemm ir-ristoranti jarmaw man-naħa tal-bankina u n-naħa tal-baħar jkun għas-sajjieda. Issemma' wkoll li l-Kunsill għamel reċipjenti biex jinġabar iż-żejt maħruq tal-magni, biex is-sajjieda jibdew jagħmlu użu minnhom. Dawn jinstabu fid-daħla tal- Hard Standing Facility.
Jien nibqa' impenjat lejn l-iżvilupp u l-organizzazzjoni tas-settur tas-sajd f'Marsaxlokk. Dawn l-attivitajiet tiegħi juru l-impenn u d-dedikazzjoni li għandi lejn is-sajjieda lokali, biex ikollhom infrastruttura aħjar, faċilitajiet adekwati, u ambjent aktar organizzat. L-isforzi tiegħi jikkontribwixxu mhux biss għall-benesseri tas-sajjieda, imma wkoll għat-titjib tal-komunità kollha ta' Marsaxlokk, billi joħloq ekosistema sostenibbli li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u ambjentali tal-lokalità.

## Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier – Matthew Bugeja

## Rapport ta' ħidma tal-Kunsillier Matthew Bugeja, Lulju – Diċembru 2024

Għeżież residenti,

Ix-xhur li għaddew kienu ferm importanti għalija wara li f'Ġunju li għadda fdajtu fija l-fiduċja tagħkom biex nagħti sehem fit-tmexxija tal-lokalità ta' Marsaxlokk. Lokalità li hi ferm għal qalbi u li nixtieq li fis-snin li ġejjin tkompli miexja 'l quddiem f'diversi aspetti. Dan ser jigwida l-ħidma tiegħi fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk f'dawn il-ħames snin: il-ġid komuni tal-lokalità, il-bilanċ kif ukoll il-protezzjoni u t-tkabbir tal-identità unika tagħna.

Id-dekasteri afdati lili mis-Sindku huma:

i. Tfal u żgħażagħ;
ii. Fondi Ewropej; u
iii. Għaqdiet, assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet Xlukkajri.

Fl-ewwel ftit ġranet ta' dan il-Kunsill il-ġdid ħadt ħsieb li l-Kunsill Lokali, għall-ewwel darba jidħol sħab mal-Għaqdiet tal-Festa biex b'hekk fl-2024 il-Festa Tfal setgħet issir fuq livell akbar u b'attrazzjonijiet akbar għat-tfal. Il-konkorrenza kienet tajba ħafna u ser nara li fis-snin li ġejjin it-tfal mhux biss ikollhom Festa isbaħ imma jkollhom attivitajiet oħra mxerrda matul is-sena kollha. F'dan il-kuntest, kelli laqgħa pożittiva mal-kap il-ġdida tal-iskola primarja.
F'Ottubru organizzajna aħjar it-*Trick or Treat* fl-okkażjoni ta' Halloween u b'kollaborazzjoni mal-Marsaxlokk ASC ġiet organizzata wkoll ikla dakinhar stess filgħaxija.
F'Diċembru kellna wkoll l-ewwel sessjoni tal-Kunsill tat-Tfal fil-lokalità tagħna. Din hi inizjattiva li qed issir flimkien mal-Malta Foundation for the Wellbeing of Society, immexxija mill-President emeritus Marie Louise Coleiro Preca. Inħeġġeġ lill-ġenituri tat-tfal li għandhom bejn 6 u 16-il sena sabiex jagħmlu kuntatt miegħi ħalli t-tfal tagħhom ikunu jistgħu jibdew jattendu dawn is-sessjonijiet ta' darba fix-xahar li qed isiru f'Marsaxlokk stess.

### Sqaq Busbiesi

Kif tkellimt fil-ġranet ta' qabel l-elezzjoni, nemmen bis-sħiħ li dan l-isqaq għandu potenzjal li jsir attrazzjoni turistika ġdida fil-lokalità tagħna. Għalhekk mill-bidu nett ħdimt sabiex dan il-proġett jibda. Wara li l-Kunsill Lokali assigura fondi mid-Development Planning Fund immaniġġjat mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-pavimentar mill-ġdid ta' dan l-isqaq, rajt li t-tender jitlesta u jkun ippubblikat. Nittamaw li l-proċess iwassal għall-għażla ta' kuntrattur biex sal-aħħar ta' din is-sena dan l-isqaq ikollu servizzi ġodda u pavimentar ġdid.
Apparti l-pavimentar mill-ġdid, ser inkun qiegħed nipproponi lill-Kunsill Lokali trellis ġdid biex iż-żona tissebbaħ bil-pjanti. Qed naħdem ukoll fuq proposta oħra man-negozji li se joperaw fit-triq li għandha tagħmel dan l-isqaq aktar uniku.

### Proġett pilota f'Xatt is-Sajjieda

Fil-manifest li qed jigwida x-xogħol tal-Kunsill Lokali f'din il-leġislatura hemm il-pjan li Xatt is-Sajjieda jsir pedonali. B'hekk fix-xhur li għaddew proponejt lill-Kunsill Lokali biex qabel ma jiġi implimentat il-proġett fit-tul, isir proġett pilota fis-sajf ta' din is-sena biex b'hekk naraw kif ser isir l-immaniġġjar ta' dan l-arranġament u biex jinforma d-deċiżjonijiet li jittieħdu aktar 'il quddiem.

## Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier – Daniel Zerafa

Jannar 2024– Ġunju 2024
- Kultura u Turizmu
- Wirt Storiku
- Komunitajiet – Federazzjoni Ghaqdiet Xlukkajri
- Zghazagh u Tfal
- Awtorita ta' l-Ippjanar

Gunju 2024 -Diċembru 2024
- Ambjent
- Pjannar
- Servizzi

Fl-Aħħar xhur tal-leġislazzjoni qabel kampanja elettorali, kont indeċiż nerġax nikkontesta u għalhekk kont bdejt speċi nagħlaq ċerta trufijiet għal kontinwazzjoni tal-kunsill li imiss.

Kont Indeċiż wara 9 snin ta' esperjenza ta' ftit sodisfazzjon, ħafna ħidma u għalkemm ħafna riżultati, xorta waħda bqajna lura minn dak li ridna nwettqu u nitkellmu fuqu dawn is-snin kollha. Tiġi perpless meta tkun qiegħed tirrapreżenta partit fil-Gvern tiegħek stess u tara raħal stmat ta żibel, aħseb u ara kieku tkun tan-naħa opposta jew indipendenti kemm jiġi stmat agħar ir-raħal.

Fl-aħħar ġimgħat ta' Ġunju idecidejt li nikkontesta u erġajt ġejt elett għat-tielet darba, kien messaġġ ta'kuraġġ minn-nies li għalinqas il-ħidma lejn Marsaxlokk hija notata.

Fuq li sar is-snin ta' qabel hemm ftit x' nista inżid, fejn nista ngħid li kien isir matul il-kalendarju kulturali baqa isir. Kull fejn stajna daħħalna l-għaqdiet u ħdimna flimkien biex intellaw l-attivitajiet anke jekk ir-rispons jew parteċipazzjoni tan-nies dejjem jonqos, speċjalment tagħna stess. Anke jekk ir-raħal kiber.

Bl-unika differenza li għalkemm provajt kull sena u fallejt milli jerġa isir il-festival tan-nar, did-darba l-argument spiċċa fil-pubbliku mal-ministru tat-turiżmu ta' dak iż-zmien u ġie esponut mall-pubbliku l-atteġjament negattiv lejn ir-raħal tagħna. Sempliċiment Marsaxlokk jintuża bħala vetrina għal Malta bħala destinazzjoni u ma nibbenfikaw xejn. Speċjalment mingħajr għajnuna fin-numru ta' proġetti li hemm bżonn isiru.

Dan kollhu biex ngħollu il-kwalita tal-ħajja lin-nies tagħna u jilqa għal-iżbilanċ fid-domandi li jaffaċja ir-raħal kull sena fosthom turiżmu domestiku u estern, kummerċ u ħidma ekonomika lokali.

Matul is-snin qabel tlabna biex saru toroq u xogħlijiet infrastrutturali, kemm il-darba ġbidna l-attenzjoni fuq il-bżonn ta'tkabbir ta servizzi. Konna ċerti minn-nunru ta' applikazzjonijiet tal-bini li irċevejna matul is-snin ġew approvati il-fuq minn elf (1000) unit residenzjali li dan kien ifisser li r-raħal ser jirdoppja fil-popolazzjoni, li ifisser iżjed skart iżjed drenaġġ, iżjed iżu ta' provvista ta' enerġija.

Iżda dan ġie injorat sakemm bdejna nesperjenzaw ħafna qtugħ ta' servizzi, granet b'toroq bla dawl, tfal imorru skola ġod-drenaġġ meta ifuru il-katusi, sempliċiment għax fuq dak li kien hemm qabel ma bediex ilaħħaq għad domanda.

Wara rajna ħafna infrastruttura li għalaqna snin qabel, terġa tinqala repetutament sabiex jgħaddu servizzi b'pass dejjem kajman u waqfien. Ħaġa ta' kuljum, ħolqot ħafna inkonvenjenza li waslet għal ħafna moral baxx fin-nies bi-numru ta' trinek trabiijiet u ħsarat hekk kif kull filgħodu jisbħu għax xogħol u idibu xi storja ġdida.

Ma nista qatt nifhem kif dal-pajjiż kif il-pariri siewja u pjannar fit-tul jiġu mormija u injorati u tibqa tara infrastruttura friska terġa tinqala mill-ġdid. Tajba biss għal kuntratturi.

Rajna meljorament fil-wirt storiku fejn sar restawr ta' niċeċ li hawn madwarna mod-direttorat għar-restawr u grazzi għal Heritage Malta għax xogħol kbir li qed isir fil-Furtizza ta' Delimara. Flimkien għadna nimbuttaw biex tinstab alternattiva fuq it-triq tat-tempji tas-silġ sabiex jibda skavar u proġett ta' konservazzjoni f din iż -żona. Saru l-applikazzjonijiet ta' l-għajn tal-ħasselin u Torri Vendome li kien imwiegħed sas sena 2025 ikunu lesti.

2024 u għadna bla ċentru ċiviku, żgħażagħ,
Anzjani, tfal u anke għaqdiet ma'għandhom ebda faċilita fejn jiltaqgħu sabiex iwettqu kwalunkwe proġett komunitarju u soċjali. Anke jekk il-kunsill ġie mċaħħad milli iwettaq ċentru ċiviku, għadna nimbuttaw fuq żona oħra li tista tilqa għal ċentru ċiviku. Li ma nistax nifhem li dejjem noffru s-soluzzjonijiet u l-awtoritajiet jipposponu qisu ż-zmien huwa xi lussu.

Il-Masterplan ta' Marsaxlokk issa iktar minn qatt qabel se tkun il-prijorita' tiegħi u ma sħabi tal-kunsill, fejn se se noffru soluzzjonijiet, ordni u infrastruttura fl-irkejjen kollha tar-raħal sabiex niksbu dak li dejjem ridna li kullħadd ikun kaf postu, dixxiplina u bilanċ. Kliem li ilna snin ngħiduh u ħidma kontinwa li ma Rnexxietx. Issa wasal iż-żmien li infasslu u il-quddiem fl-erba snin u nofs li fadal inwettqu.

Wara 10 snin fil-kunsill, illum naf aħjar, għaraft is-sistema kif taħdem, qlajt fuq wiċċi, armejt ħin min ħajti biex forsi nara dar-raħal jgħaġġel il-pass biex ikun lest għal-futur. Għaż-żmien li ġej ser inkun aktar apert, ser nibda nesponi kollox kull meta neħel biex noħloq il-pressjoni lil-awtoritajiet u t-tmexxja tal-pajjiż biex dak li għandu isir bi dritt isir bla aktar dewmien.

Marsaxlokk mhux xi raħal urban komuni, iżda mutur ekonomiku ewlieni u destinazzjoni internazzjonali, li niesu iġorru il-piż ta' dan u jixraqilhom aħjar

Tagħkhom Dejjem
Daniel